MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1498/2001/1

**Master Distributors Limited gja Master Wines Limited**
**vs**

**Rita Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sitta u hamsin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm856.98) ammont dovut ghall-merkanzija konsistenti f'xorb, mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenuta gewwa il-Portobello Restaurant, Bugibba;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 t'Awissu, 2001, ta' l-ittra ufficjali tat-22 t'Ottubru, 2001, u bl-imghax legali mid-19 ta' Jannar, 2001, data ta' l-ahhar konsenja kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm856.98) bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Jannar, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 t'Awissu, 2001, u ta' l-ittra ufficjali tat-22 t'Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**